***Diskors Fr Fabio Attard SDB - Konferenza Ghall-Gid tal-Familji Maltin 16-02-08***

Fr Fabio Attard SDB ipprezenta id-dokument 'Il-Valuri tal-Familji'fil-Konferenza Ghall-Gid tal-Familji Maltin - Ghodda Edukattiva ghat-tishieh tal-familji li saret nhar is-Sibt,16 ta' Frar, 2008, Excelsior Hotel, Floriana.

IL-VALURI TAL-FAMILJA

FABIO ATTARD SDB

It-titlu tal-konferenza li għaliha nġbarna hawn dalgħodu huwa wieħed li spiss qegħdin nisimgħu dwaru f'dawn l-aħħar snin. Il-familja saret suġġett li jokkupa ħafna l-ħsieb ta' firxa wiesgħa ta' nies: mill-edukaturi sal-leġislaturi, mis-soċjoliġi sal-filosofi. Iżda mhux biss. Il-familja hija wkoll protagonist ewlieni fil-ħsieb ta' l-ekonomija u l-politika liberali, protagonist għal raġunijiet essenzjalment diversi minn dawk ta' l-edukaturi u tal-filosofi. Quddiem din il-wisa' ta' aġenziji u setturi li għandhom il-familja bħala interess prinċipali u ċentrali, hawn nixtieq noffri xi punti għal riflessjoni iktar profonda dwar il-familja mill-angolu ta' valuri.

INTRODUZZJONI – SFIDA TA' LINGWAĠĠ

Irridu anmmettu li hawnhekk mill-ewwel se nsibu sfida – l-isfida tal-lingwaġġ. Mhux sfida dwar jekk il-familja għandhiex valuri jew le, fuq hemm il-qbil ġenerali huwa milħuq. L-isfida tibda mill-mument li nistaqsu lilna nfusna dwar x'nifhmu preċiżament meta nlissnu l-kelma «valuri»? Il-problema, għax din fil-fatt hija problema fundamentali, hija minn fejn se nitilqu biex naqblu dwar x'inhu «valur»? Jekk «valur» hija xi ħaġa li noħloqha jien, nipproduċiha, għax irridha, għax togħġobni, allura d-diskors se jieħu xejra mod. Jekk, iżda, se naraw il-«valur» mill-lenti ta' eredità, ta' wirt li jista' jdawwalna u jmexxina minn stat għall-ieħor ta' konoxxenza dejjem iktar sabiħa, u allura dejjem iktar umana, d-diskors jieħu xejra kompletament differenti.

Quddiem id-dibattitu dwar «il-valuri tal-familja», huwa ferm faċli li naqgħu fid-diskussjoni ta' x'tip ta' familja rridu, jew ma rridux; x'tip ta' leġislazzjoni jeħtieġ nippromwovu, jew nipprojbixxu. Ma rrid bl-ebda mod innaqqas mill-valur ta' dan l-istadju tad-diskussjoni, għax huwa stadju ferm importanti. Irrid ngħid biss u nafferma b'mod mill-iktar ċar li jeżisti spazju qabel dan kollu li huwa l-pedament ta' dak li mbagħad is-soċjetà tesprimi b'liġijiet u użanzi, stili u għażliet.

L-isfida prinċipali li nemmen li teżisti quddiemna llum hija ta' «x'tip ta' valuri aħna nemmnu fihom». Jekk aħna nwarrbu u ma nkomplux nibnu u nikbru fl-eredità ta' ħsieb li minn ġenerazzjoni għall-oħra l-umanità tfittex li ssebbaħ, allura kwalunkwe diskussjoni

oħra tirriżulta li tkun diskussjoni mhux dwar «valuri» imma dwar «prodotti» offruti fis-suq ta' l-opinjoni pubblika.

Ir-riflessjoni dwar il-«valuri» tantiċipa kull forma ta' diskussjoni oħra għax fi ħdan riflessjoni simili nsibu l-għerq u r-rikkezza ta' dawk il-konvinzjonijiet li għalina, għax huma għeżież, idawlulna d-deċiżjonijiet tagħna, jevitawlna r-riskju li nħarsu lejn il-familja bħala prodott jew sempliċi strument li nużawh kif jaqblilna.

Minn dan il-pedament ta' valuri, minn dan il-post fejn aħna għandna mħawwlin l-konvinzjonijiet kbar u fl-istess waqt moħbija tal-ħajja u dwar il-ħajja, aħna nieħdu l-ispirazzjoni dwar il-familja u l-valuri li tesprimi.

Minn dan l-ispazju sagru tal-konvinzjonijiet tagħna, nispiraw ruħna dwar x'tip ta' leġislazzjoni għandna l-kuraġġ nippromwovu, x'tip ta' mudelli edukativi għandna l-ħila nipproponu.

## IT-TFITTXIJA GĦAS-SENS

F'intervista li ta sentejn ilu f'gazzetta taljana, l-antropologu franċiż, membru ta' l-Académie Française, René Girard, jgħid illi l-isfida kbira ta' żmienna – la grande questione antropologica del nostro tempo – hija dwar "min hu l-bniedem?" Huwa jistaqsi jekk għadux possibbli naffermaw verità universali fuq il-ġeneru uman. Skond Girard, il-ħsieb kontemporanju dwar il-bniedem, il-ħsieb postmodern, huwa mibni fuq l-assenza totali tas-sens: "il pensiero attuale è la castrazione del significato". Dan it-tentattiv huwa ferm perikoluż, u huwa periklu li s-sinjali tiegħu ġejjin mill-bogħod. Diġà osservaturi intellettwalment attenti, bħal C. S. Lewis, tkellmu fuq l-abolizzjoni tal-bniedem – the abolition of man.

Xtaqt nikkwota din l-intervista ta' René Girard, għax propju f'nofs dan id-dikors tiegħu jesprimi l-konvinzjoni li wieħed mill-perikli li dan il-ħsieb iġib miegħu huwa t-telfa ta' funzjoni favur l-bniedem, funzjoni antropoloġika, li hija ż-żwieġ.

Iż-żwieġ huwa istituzzjoni pre-Kristjana, ta' qabel il-Kristjaneżmu, imma valorizzata mill-istess Kristjaneżmu. Iż-żwieġ huwa l-organizzazzjoni indispensabbli tal-ħajja, marbuta għax-xewqa umana ta' l-immortalità. Meta jwaqqaf familja l-bniedem jkun qed jissodisfa l-ikbar għatx tiegħu – jimita l-ħajja eterna. Nsibu żminijiet u ċivilizzazzjonijiet fejn l-omosesswalità kienet tollerata, imma l-ebda soċjetà qatt ma poġġietha fuq l-istess pjan ġuridiku tal-familja. Dejjem għandna mara u raġel, diversità.

Jekk Girard jħares lejn il-familja mil-lenti ta' l-immortalità, fi kliem ieħor jħares lejn il-familja bħala esperjenza li tkompli l-idea ta' ħolqien li fih il-memorja ma tmut qatt, u l-għatx tal-bniedem jiġi sodisfatt mit-twelid ta' ħajja ġdida, awtur attwali ieħor, James Q. Wilson, jeżamina l-istituzzjoni tal-familja mill-att ta' trobbija.

Wilson, kittieb u ħassieb rispettat, b'esperjenza twila ta' tagħlim u riċerka fl-aqwa universitajiet Amerikani, fil-ktieb tiegħu The Marriage Problem jgħid li ċertezza soċjali li tirriżulta ċar mir-riċerka hija li ż-żwieġ huwa meqjus bħala istituzzjoni kulturalment universali, u ż-żwieġ bejn raġel u mara, żwieġ monogamiku, huwa bil-bosta l-iktar mudell dominanti.

Riflessjoni ta' l-istess Wilson li twieġeb għad-domanda 'kif jista' jiġi spjegat il-fenomenu taż-żwieġ?', tħares mill-lenti tat-trobbija ta' l-ulied: rġiel u nisa individwali jidħlu għaż-żwieġ, u fl-istess waqt, il-gruppi soċjali kbar li minnhom il-miżżewġin jagħmlu parti, anke dawn jagħżlu li jippromwovu u jħarsu ż-żwieġ bħala istituzzjoni valida u fuq kollox privileġġjata. Dan kollu jseħħ għall-fatt li l-esperjenza dejjem għallmet li r-relazzjoni fi ħdan l-esperjenza taż-żwieġ hija indispensabbli għat-trobbija tat-tfal.

Skond Wilson dak li qed naraw jiġri llum madwarna nistgħu nsibu l-għeruq tiegħu f'mod ta' ħsieb li żviluppa matul dawn l-aħħar sekli. Matulhom naraw forom ta' ħsieb li jħarsu lejn il-valuri u l-għażliet bħala frott ta' raġunament uman, imma li mhux bil-fors huwa marbut ma' dawk il-valuri li ġew mgħoddija minn ta' qabilna, wisq inqas jitnebbaħ mill-esperjenza. Minkejja l-fatt li r-riċerka turi sitwazzjoni fejn il-kultura tad-divorzju fil-fatt ddgħajjef iż-żwieġ u tagħmel ħsara lit-tfal, xorta nibqgħu naċċettaw li ninterpretaw iż-żwieġ bħala kuntratt biss, u forsi anke inqas minn kuntratt, għax il-kuntratt taż-żwieġ illum jista jinkiser anke minn parti waħda biss.

Quddiem sitwazzjoni simili, Wilson xorta ma jaċċettax l-atteġġjament ta' disfatta. Huwa ottimist li l-ġid ta' l-ulied għad għandu poter qawwi fuq ħafna iktar nies milli nixtiequ nammettu. Minkejja l-fatt illi ż-żwieġ u l-familja, din il-forza qawwija għat-tajjeb sofriet daqqiet kbar min-nies li ma jagħrfux kif dak it-tajjeb jikber u jissaħħaħ fiha, għandna għax nieħdu nifs il ġewwa u nħarsu lejn l-esperjenza ta' millennji ta' snin... kultura qawwija jeħtieġ li tiġi maħsuba u msaħħa biex tgħin lill-koppja jikbru flimkien sabiex jilħqu dak li tant koppji huma mixtieqa minnu, u li ħafna meta jaslu għalih tant japprezzawh. L-istess uliedhom.

## FAMILJA – ESPERJENZA KOMUNITARJA TA' VALURI

Fuq linji simili, imma b'enfasi differenti, fl-introduzzjoni tal-ktieb A Community of Character, l-awtur Stanley Hauerwas jagħmel kumment ferm attwali. Hu jikteb illi jekk ix-xewqa tagħna li nagħtu pedament għall-aġir u l-għażliet tagħna tkun maqtugħa minn dik li hi l-istorja u l-wirt tal-komunità, nispiċċaw biex nfasslu modi u stili ta' ħajja li jiftehmu biss a bażi ta' ċertu tradizzjoni politika – f'dan il-każ dik liberali. U dak li hu iktar distruttiv huwa l-fatt li s-separazzjoni ta' l-etika mill-politka twassalna fi stat fejn ma tibqax teżisti tifsira, la teoretika u lanqas prattika, ta' virtù għall-komunità politika.

Jekk dan hu l-istat li ninsabu fih fil-fatt illum, l-isfida tagħna jeħtieġ li narawha f'kuntest ferm iktar wiesgħa minn dak li jillimita ruħu biss għall-istituzzjoni ta' żwieġ u familja. Dawn l-istutuzzjonijiet, fejn flimkien jiffurmaw il-benniena tal-ħajja u l-iskola ta' l-

umanità, fix-xewqa tagħna li nsaħħuhom, irridu ninterpretaw l-isfidi dwarhom fuq il-fatt li hija meħtieġa komunità ferm ikbar u iktar wiesgħa mill-familja. Komunità li għandha viżjoni ċara ta' l-identità tagħha nnifisha. Komunità li hija attenta għall-missjoni li hi msejħa twettaq. Komunità li hi mħeġġa tara l-familja fi ħdan dan il-kwadru li jħaddan l-identità u l-vokazzjoni etika tagħha: "il-familja biex tkun esperjenza moralment valida qegħda titlob li jkollha komunità li tgħinha tkun dak li hi msejħa li tkun."

Dan kollu juri biċ-ċar quddiemna l-periklu li ninterpretaw il-familja bħala entità, jew prodott li hu biss konsegwenza ta' kumbinazzjoni soċjoloġika. B'mentalità li tara l-familja bħala xi ħaġa mhix essenzjali, l-bidu tal-ħajja jitlef dik is-sbuħija ta' relazzjoni li minnha l-istess ħajja taf il-bidu tagħha. U hekk kif din l-esperjenza relazzjonali tagħti sens u spazju għall-bidu tal-ħajja, jeħtieġ li din l-istess relazzjoni tkun mgħejjuna fil-mixja tagħha.

F'dan l-istadju inizjali tal-ħajja m'għandniex biss fatt ta' kollaborazzjoni bijoloġika bejn raġel u mara. Imma nassistu għal storja li qegħda tinkiteb u tixtieq li tkompli tiġi rrakkuntata f'dak l-istess ambjent li fih taf il-bidu tagħha.

Dan kollu jidher u jinstema' bħala teorija quddiem tant sfidi li għandna quddiemna llum. U, għalhekk, jekk tippermettuli, nixtieq f'dan il-punt partikolari nirrakkonta storja vera.

Waqt waħda mill-lezzjonijiet għall-klassi ta' studenti tal-form 5, għalliem kien qed jaqsam magħhom ħsibijiet simili għal dawn ta' dalgħodu: kif il-ħajja ta' tarbija ċkejkna hija don, rigal, li jirrifletti l-imħabba; kif l-għaqda tar-raġel u l-mara, għaqda ta' mħabba, issir tarbija – l-imħabba tieħu forma ta' persuna umana. Kif it-tarbija fil-mixja tagħha tistenna u hi għatxana għat-tkomplija ta' din ir-relazzjoni li tatha l-ħajja.

Wieħed mill-istudenti ma felaħx jisma' iktar u b'mod qawwi, u xi ftit mimli rabbja, esprima ruħu li dan kollu huwa toerija vojta, diskors bla sens li ma jappartjenix għall-passat tiegħu; passat fejn sew ommu u kemm missieru kienu kompletament neqsin; passat mimli vojt u bla memorji.

L-għalliem din ir-reazzjoni stennieha qabel ma daħal fil-klassi. Imma kien jeħtieġlu jaffrontaha. L-ewwel ħaġa li għamel kienet li aċċetta l-obbjezzjoni – ġusta u profondament personali ta' l-istudent. Aċċetta li dan kollu huwa teorija li ftit għandha x'tgħid lil dan l-istudent. Bir-raġun kollu, l-għalliem għaraf li l-istudent ma setax jikkomunika ma' dak id-diskors li kien qed jisma'.

Wara ftit sekondi ta' skiet, l-għalliem ħass li l-uniku mod biex jitkompla d-djalogu kien li jagħmel mistoqsija. Staqsa lill-istudent liema waħda minn dawn l-esperjenzi, dik personali li għadda minnha jew inkella dik li hu ġustament sejħilha «teorika», jixtieq li hu, meta jikber, jgħaddi lil uliedu. Għaddew biss ftit sekondi, u l-istudent wieġeb li minkejja kollox, jaħseb li dak li l-għalliem kien qed jaqsam magħhom kien validu u mhux ta' min iwarrbu.

Huwa rakkont li fuq livell personali ħafna jesprimi xewqa miktuba fil-qalb ta' kull

persuna. Xewqa li bħala edukaturi jeħtieġ li nħarsu lejha b'attenzjoni u b'viżjoni. Il-persuna kollha kemm hi, sa mill-bidu tagħha, titniehed għall-għaqda, tikber fejn hemm l-impenn ta' l-għotja. L-«iva» fuq livell sesswali, bijoloġiku, hija «iva» ferm ikbar mill-mument preżenti li fih tiġi mgħixa u murija. Mhijiex «iva» tal-mument, imma hija «iva» li tkompli, hija «iva» dejjiema.

## FAMILJA – ESPERJENZA KONTINWA TA' VALURI

L-għaqda taż-żwieġ hija mera ta' fedeltà, mera ta' għotja li tikteb il-bidu tal-ħajja u tinkiteb b'mod dejjem ġdid u oriġinali fil-persuna ħajja. Il-fedeltà hija sinjal ta' impenn, hija rifless ta' appartenenza, qabel ma tiġi nġustament interpretata bħala xi fissazzjoni reliġjuża jew ritwali. Il-fedeltà hija espressjoni ta' konvinzjoni li anki fi żmien diffiċli, dak li hu ta' valur il-persuna se tibqa' temmen fih.

Mill-aspett prattiku, l-"iva" li r-raġel u l-mara jagħtu lil xulxin joffri spazju għall-ġejjieni fejn l-umanità ta' kull persuna tista' tikber f'ambjent ta' komunjoni. L-"iva" tal-koppja hija "iva" li għandha effett fuq l-ulied, għandha effett ukoll fuq il-komunità kollha kemm hi. Hemm dimensjoni pubblika għall-wegħda taż-żwieġ li nsejna l-preżenza tagħha minħabba kultura u mentailtà maħkumin mid-dittatura tar-relativiżmu. Iż-żwieġ, u l-familja mibnija fuqu, hija istituzzjoni li għandha għeruq profondi li minnhom tiddependi wkoll s-saħħa tas-soċjetà u l-awtorevolezza li din tgawdi.

Li s-soċjetà toffri għajnuna u saħħaħ l-kwadru tal-familja mibni fuq żwieġ, fejn id-diversità, l-fedeltà u l-permenenza huma elementi essenzjali, mhuwiex indħil imma ħtieġa dejjem iktar urġenti quddiem tirannija kulturali li tħares lejn il-moda u l-konvenjenza bħala kriterji mhux biss ta' azzjoni imma wkoll ta' leġislazzjoni.

Jekk il-familja hija esperjenza kontinwa ta' valuri, r-relazzjoni tagħha mas-soċjetà in ġenerali ma tistax tiġi mħollija għall-qawwa ta' l-opinjoni prevalenti tal-mument. Il-valuri li ma jsibux strutturi u kwadri li jsaħħuhom jispiċċaw bħal biċċiet tal-ħatab li lesti li jiġu maħruqa fin-nar tal-konvenjenza.

Irridu ninterpretaw b'mod għaqli u għaref jekk il-mudelli li spiss qed jiġu proposti bħala kisbiet ta' libertà dejjem iktar evoluta, humiex fil-fatt tentattivi sottili u espressjoni ta' libertà mifhuma u użata bħala valur li suppost jagħmilna iktar evoluti, jew inkella jispiċċawx biex ikunu rebħiet b'saqajn qosra, illużżjonijiet ta' viżjoni mċajpra.

Il-verità tal-familja bħala benniena ta' ħajja u ħajja ta' valuri mgħoddija u milqugħa, llum tistedinna biex nevitaw dawk ir-rotot qosra u komdi li dejjem kienu tentazzjonijiet għall-kulturi oħra ta' qabilna. Il-verità taż-żwieġ u tal-familja hija verità li tirrifletti verità iktar profonda fil-qalb tal-persuna.

Il-ħtieġa li l-persuna tappartjeni għal dawk li lilhom taf il-ħajja. Il-ħtieġa li l-persuna tikber f'ambjent fejn il-bidu tal-ħajja umana jantiċipa u jħejji l-iżvilupp tal-ħajja emotiva,

morali u intellettwali. Dawn mhumiex ħtiġiet fuq livell ta' aptit, ta' opinjoni jew ta' konvenjenza. Huma, iżda, ħtiġiet miktuba fil-profondità tal-qalb tal-persuna u meta jiġu mgħejjuna u mħaddna, allura tkun qed titħejja mixja ta' żvilupp uman sħiħ, ta' konvinzjonijiet li fil-preżent jħejju futur.

Jekk dan kollu jgħodd fuq livell ta' viżjoni, noqogħdu attenti mill-akkuża li tara dan kollu bħala teorija inutli, u kliem vojt u skadut. Jekk mid-dimensjoni riflessiva, ngħaddu għall-istudji soċjoloġiċi, kif diġa' rajna, ma nsibu xejn iktar ħlief konferma b'mod xjentifiku u pragmatiku ta' din ir-riflessjoni li għadni kif qsamt magħkom.

## FAMILJA – IL-ĠEJJIENI F'IDEJNA

Fl-artiklu tiegħu Marriage, Morality and Rationality, l-awtur Robert P. George, jisfida l-opinjoni ta' ħafna li jgħidu li quddiem ir-realtà taż-żwieġ, sew il-liġi kif ukoll l-proċess li bih jiġu proposti policies għandhom jibqa' newtrali. Dan l-atteġġjament ta' newtralità mhuwiex ta' benefiċċju għas-soċjetà u jħalli liż-żwieġ u lill-familja fil-baħar ta' opinjonijiet dejjem jiċċaqalqu.

George jagħmel tlett proposti li nixtieq anke jien nagħmilhom tiegħi.

1. Il-vera tifsira taż-żwieġ u tal-familja huma iktar mifhuma fejn teżisti kultura... li tippromwovi u tagħti sostenn lill-mudell ta' żwieġ u familja kif tkellimna fuqhom hawnhekk. Minħabba l-fatt li ideoloġiji u użanzi li huma kontra ż-żwieġ u l-familja għandhom l-qawwa li jdgħajfuhom fi ħdan dik il-kultura partikolari, huwa ferm importanti u urġenti li l-gvernijiet jevitaw it-tentazzjoni li jibqgħu newtrali u li jippromwovu proċessi legali u edukattivi li jsaħħuhom.

2. Il-liġi hija mgħallma – the law is a teacher. Jew se tgħaddi l-messaġġ li ż-żwieġ hija realtà li l-persuni liberament jistgħu jieħdu sehem fiha, imma li ma jistgħux jbiddlu l-forma tiegħu skond kif kull persuna tħossha, jew inkella l-liġi se tgħaddi l-messaġġ li ż-żwieġ huwa biss ftehim, kuntratt, li qiegħed hemm imma li ma għandu l-ebda valur ta' wegħda jew għotja. Iż-żwieġ bejn mara u raġel ma jistax jitħalla biss fir-responsabiltà ta' l-individwu. Hija meħtieġa kultura, bl-istituzzjonijiet kollha li għandha, li tagħrfu, li ssostnih billi teduka l-opinjoni pubblika.

3. Iż-żwieġ u l-familja huma dawk l-esperjenzi pożittivi li persuni jkunu kapaċi jħaddnu jekk ġew mogħtija l-opportunità li jikbru fl-għarfien tas-sbuħija tagħhom. Iżda rridu nammettu li dan jista' jseħħ biss kemm-il darba dawk l-istituzzjonijiet li huma mpenjati favur il-familja jaslu biex jgħaqqdu l-isforzi tagħhom flimkien u joffru proposti kulturali u formattivi ċari, ħalli jitwassal messaġġ wieħed u mixjiet edukattivi għal kulħadd.

KONKLUŻJONI

Mentalità kulturali, qafas legali u proposti edukativi huma t-tlett proposti li Robert P. George joffri quddiem l-isfidi li għandna quddiemna. Nagħlaq billi nawgura li din il-konferenza tilħaq l-iskopijiet li għalihom ġiet msejħa. Nawgura li bħala soċjetà Maltija, jkollna l-kuraġġ tad-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-preżent ta' wliedna, li jfisser il-futur tagħhom bħala ġenituri.

Grazzi